



Nota ta' spjegazzjoni dwar il-kontrolli tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003

Din in-nota hija biss għall-informazzjoni u hija bla preġudizzju għal kwalunkwe interpretazzjoni formali tal-poteri ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

1. L-imprizi¹ huma legalment obbligati jissottomettu ruħhom għal spezzjoni ordnata b'deċiżjoni tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 20(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003. L-awtorizzazzjonijiet bil-miktub iservu sabiex jiġu indikati l-ismijiet tal-uffiċjali u tal-persuni oħrajn li jakkumpanjawhom awtorizzati mill-Kummissjoni sabiex jagħmlu il-kontroll ('l-Ispetturi'). L-ispetturi ser jipprovdnu prova tal-identità kull wieħed,
2. L-Ispetturi ma jistgħux jiġu mitluba biex jespandu fuq il-kwistjoni kif spjegat fid-deċiżjoni jew biex jiġġustifikaw id-deċiżjoni bi kwalunkwe mod. Madankollu huma jistgħu jispjegaw kwistjonijiet proċedurali, b'mod partikolari l-kunfidenzjalità, u l-konsegwenzi possibbli ta' rifjut ta' sottomissjoni għall-kontroll.
3. **Kopja awtentikata tad-deċiżjoni** għandha tingħata lill-impriża. Il-minuta tan-notifika ta' servizz isservi biss sabiex tiċċertifika li waslet u l-iffirmar tagħha mid-destinatarju ma timplikax sottomissjoni għall-kontroll.
4. L-ispetturi huma awtorizzati, skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru. 1/2003:
 - a) li jidħlu fi kwalunkwe siti, art u metodi tat-trasport tal-impriża u l-assoċjazzjoni tal-impriża;
 - b) li jeżaminaw il-kotba u rekords oħra relatati mal-kummerċ, irrespettivament tal-mod kif inhu maħżun;
 - c) li jieħdu jew jiksbu fi kwalunkwe forma: kopji ta' jew estratti minn dawn il-kotba jew rekords;
 - d) li jissiġillaw kwalunkwe proprjetà fejn isir in-negozju u kotba jew reġistri għall-perjodu u sal-limitu meħtieġ għall-kontroll;
 - e) li jistaqsu kull rappreżentant jew membru tal-persunal tal-impriża jew tal-assoċjazzjoni ta' impriżi dwar spjegazzjoni ta' fatti jew dokumenti marbuta mas-suġġett u l-iskop tal-kontroll u li jżommu rekord tat-tweġibiet.
5. L-uffiċjali u persuni oħra li jakkumpanjawhom, awtorizzati jew appuntati mill-awtorità tal-kompetizzjoni tal-Istat Membru fejn isir il-kontroll għandhom jedd jassistu b'mod attiv lill-Ispetturi fit-twettiq ta' dmirijiethom. Għal dan il-għan, huma jgawdu l-istess poteri skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003 bħall-Ispetturi (ara l-paragrafu 4 hawn fuq). Huma għandhom iġibu prova tal-identità tagħhom skont ir-regoli nazzjonali rilevanti.
6. L-impriża tista' tikkonsulta konsulent legali esternmatul il-kontroll. Madankollu, il-preżenza ta' konsulent legali mhijiex kundizzjoni legali għall-validità tal-kontroll. L-Ispetturi jistgħu jidħlu fil-proprjetà, jinnotifikaw id-deċiżjoni li tordna l-kontroll u jokkupaw l-uffiċċji tal-għażla tagħhom mingħajr ma joqogħdu jistennew lill-impriża tikkonsulta l-konsulent legali tagħha. L-ispetturi fi kwalunkwe każ, jaċċettaw biss dewmien qasir sakemm issir il-konsultazzjoni mal-konsulent legali qabel ma jibdew jeżaminaw il-kotba u reġistri oħra relatati man-negozju, jieħdu kopji jew estratti minn daww id-dokumenti, jissiġillaw il-

¹ F'din in-nota t-terminu "impriża" jinkludi kemm l-impriżi kif ukoll l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi.

proprietà tan-negozju u l-kotba u r-reġistri jekk meħtieġ jew jitolbu spjegazzjonijiet bil-fomm. Kwalunkwe dewmien bħal dan għandu jinżamm strettament fil-minimu.

7. Fejn kwalunkwe rappreżentant jew membru tal-persunal tal-impriża jagħti, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 773/2004 spjegazzjonijiet bil-fomm fuq il-post dwar fatti jew dokumenti relatati mas-suġġett u l-għan tal-kontroll fuq talba tal-Ispetturi, l-ispjegazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati fi kwalunkwe forma. Kopja ta' kwalunkwe reġistrazzjoni bħal din għandha ssir disponibbli lill-impriża kkonċernata wara l-kontroll skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 773/2004.
8. Fil-każi fejn membru tal-persunal ta' impriża li mhuwiex jew ma kienx awtorizzat mill-impriża sabiex jipprovi spjegazzjonijiet f'isem l-impriża jintalab jagħti spjegazzjonijiet, il-Kummissjoni tistabilixxi terminu ta' żmien li fih l-impriża tista' tikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe rettifika, emenda jew suppliment għall-ispjegazzjonijiet mogħtija minn dak il-membri tal-persunal, li mbagħad jiżdiedu mal-ispjegazzjonijiet irreġistrati matul il-kontroll.
9. L-Ispetturi għandhom il-jedd jeżaminaw kwalunkwe kotba u reġistri relatati man-negozju, irrispettivament mill-mezz li jintuża biex jinżammu, u li jieħdu jew jiksbu fi kwalunkwe forma kopji ta' u estratti minn dawn il-kotba jew reġistri. Dan jinkludi l-eżaminazzjoni ta' informazzjoni elettronika u t-teħid ta' kopji diġitali jew dokumentali ta' tali informazzjoni.
10. L-ispetturi jistgħu jfittxu l-ambjent tal-IT (eż. servers, kompjuters desktop, laptops, tablets u apparat mobbli ieħor) u l-mezzi ta' ħżin kollha (eż. CD-ROMs, DVDs, stikek tal-USB, hard disks esterni, tejs ta' riżerva, servizzi tal-cloud) tal-impriża. Dan japplika wkoll għal apparat privat u l-midja li jintużaw għal raġunijiet professjonali (Ġib l-Apparat Tiegħek Miegħek) meta dawn ikunu disponibbli fuq il-post. Għal dan l-għan, l-Ispetturi minbarra li jistgħu jużaw għodda ta' tiftix integrata (kelma ewlenija), jistgħu wkoll jużaw is-software u/jew hardware speċifiku tagħhom stess ("Għodod Forensiċi tal-IT"). Dan is-software speċifiku tal-IT jippermetti lill-Kummissjoni tikkopja, tfittex u tirkupra dejta filwaqt li tirrispetta l-integrità tas-sistemi u d-dejta tal-impriżi.
11. L-impriża għandha l-obbligu li tikkoopera bi sħiħ u b'mod attiv mal-kontroll. Dan ifisser li l-impriża tista' tintalab tipprovi rappreżentanti xierqa jew membri tal-istaff biex jassistu lill-Ispetturi, mhux biss għal spjegazzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tal-impriża u l-ambjent tal-IT tagħha, iżda wkoll għal kompiti speċifiċi bħal imblukkar temporanju tal-kontijiet tal-posta elettronika individwali, qtugħ temporanju ta' kompjuters mixgħula minn fuq in-netwerk, it-tneħħija u l-installar mill-ġdid ta' hard drives minn kompjuters u l-provvediment ta' appoġġ ta' "dritt ta' aċċess għall-amministraturi". Meta jittieħdu tali azzjonijiet, l-impriża ma trid tinterferixxi bl-ebda mod ma' dawn il-miżuri u hija r-responsabbiltà tal-impriża biex tgħarraf lill-ħaddiema affettwati kif meħtieġ. L-ispetturi jistgħu jitolbu li jużaw hardware (eż. hard disks, CD-ROMs, DVDs, stikek tal-USB, kejbils ta' konnessjoni, skanners, stampaturi) pprovduti mill-impriża, iżda ma jistgħux jiġu obbligati jużaw il-hardware tal-impriża.
12. Midja ta' ħżin magħżula għall-eżaminar tista' tinżamm taħt il-kontroll tal-Ispetturi sa tmiem il-kontroll fuq il-post. Dawn jistgħu jiġu rritornati qabel, pereżempju wara li tkun saret kopja forensika tad-dejta taħt investigazzjoni. Kopja forensika bħal din hija kopja awtentika tad-dejta (kollha jew parti minnha) maħżuna fuq il-mezz oriġinali. L-analiżi tal-kopja awtentika hija ugwali għall-eżami ta' mezz oriġinali ta' ħażna.
13. Fi tmiem il-kontroll l-Ispetturi kompletament ibattlu²³ l-għodod Forensiċi tal-IT kollha li fihom tkun ġiet maħżuna d-dejta tal-kumpanija. Hardware ipprovdut mill-impriża ma

² It-terminu tekniku għal dan it-tbattil huwa "trattamento". L-għan tat-tindif huwa li titneħħa kollha kemm hija d-dejta minn apparat għall-ħażna tad-dejta b'mod li d-dejta ma tistax terġa' tinħoloq bi kwalunkwe teknika magħrufa.

jitbattalx mill-Ispetturi, iżda jingħata lura lill-impriża.

14. Jekk l-għażla tad-dokumenti rilevanti għall-investigazzjoni ma tkunx għadha lesta fit-tmiem previst tal-kontroll fuq il-post fil-bini tal-impriża, il-kopja tas-sett tad-dejta li għad trid tiġi mistħarrġa jista' jinġabar biex jitkompla l-kontroll aktar tard. Din il-kopja għandha tkun iggarantita billi titqiegħed f'envelop issiġillat. L-impriża tista' titlob kopja. Il-Kummissjoni se tistieden lill-impriża biex tkun preżenti meta jinfetħ l-envelop issiġillat u matul il-proċess ta' spezzjoni kontinwa fil-bini tal-Kummissjoni. Inkella, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirritorna lura l-envelop issiġillat lill-impriża mingħajr ma jinfetħ. Il-Kummissjoni tista' wkoll titlob lill-impriża biex iżżomm l-envelop issiġillat f'post sikur biex tippermetti lill-Kummissjoni tkompli l-proċess ta' tfittix fil-bini tal-impriża matul żjara mħabbra ulterjuri.
15. Fir-rigward tad-dejta finali magħżula mill-Ispetturi matul il-kontroll fuq il-post (jew wara spezzjoni kontinwa) li huma miżjuda fil-fajl tal-każ tal-Kummissjoni, l-impriża ser tirċievi trasportatur tad-dejta (eż. DVD) li fuqu tinħażen din id-dejta kollha. L-impriża se tintalab tiffirma l-lista(i) stampata(i) ta' punti tad-dejta magħżula. Żewġ kopji identiċi ta' din id-dejta maħżuna fuq trasportaturi tad-dejta ser jittieħdu mill-Ispetturi.
16. Innota li kull oġġett ta' prova magħżul matul il-kontroll jista' jinġabar u jiġi elenkat fuq il-post fl-intier tiegħu (jekk pereżempju jintgħażel biss anness wieħed tal-posta elettronika, l-esportazzjoni finali se tikkonsisti minn posta elettronika flimkien mad-dokumenti kollha meħmuża li jappartjenu għal dak il-messaġġ partikolari). Matul l-ipproċessar finali fil-fajl tal-każ fil-bini tal-Kummissjoni kull oġġett ta' prova jista' jiżżarma f'komponenti individwali (eż. posta elettronika, annessi u/jew punti tad-dejta oħra) u dawn jistgħu mbaġħad jiġu elenkati individwalment u jirċievu numri ta' referenza individwali skont dan.
17. Fejn l-impriża tagħmel disponibbli l-materjal biex isiru l-fotokopji fuq talba tal-Ispetturi, il-Kummissjoni għandha, fuq talba tal-impriża, tirrimborża l-ispiża għall-materjal użat biex isiru l-kopji għall-Kummissjoni.
18. Id-dokumenti / id-dejta kkupjati matul il-kontroll se jkunu koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003 dwar is-segretezza professjonali. Jekk, fi stadju aktar tard tal-proċedura, isir meħtieġ li partijiet oħra jingħataw aċċess għal dawk id-dokumenti / id-dejta, l-impriża jintalbu jidentifikaw kwalunkwe sigrietni tan-negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra li jkunu fid-dokumenti / id-dejta, biex jiġġustifikaw dawk il-pretenzjonijiet u jipprovdu kopji mhux kunfidenzjali bl-iskop li jingħata aċċess għall-fajl.
19. Għandha ssir minuta fejn l-Ispetturi jiddeċiedu li jissiġillaw il-proprjetà tan-negozju, il-kotba jew ir-reġistri. L-impriża għandha tiżgura li s-siġilli mwaħħla ma jinkisrux sakemm jerġgħu jitneħħew mill-Ispetturi. Ser titħejja minuta separata fit-tneħħija tas-siġilli li tirreġistra l-istat tagħhom f'dak il-ħin.
20. Ir-regoli tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (Regolament Nru 2018/1725) japplikaw għad-dejta personali kollha miġbura mill-Kummissjoni matul l-investigazzjonijiet dwar l-antitrust. Peress li r-regoli dwar l-antitrust tal-UE japplikaw biss għall-impriżi, id-dejta personali ta' individwi, mhijiex il-mira tal-investigazzjonijiet dwar l-antitrust u l-kontrolli imwettqa mill-Kummissjoni. Id-dejta personali ta' membri tal-persunal individwali ta' impriżi (bħal isimhom, in-numri tat-telefon, l-indirizzi tal-posta elettronika) jistgħu, madankollu, jiġu inklużi f'dokumenti kummerċjali / dejta marbuta ma' investigazzjonijiet bħal dawn u għalhekk jistgħu jiġu kkupjati jew miksuba matul il-kontroll u jistgħu jsiru parti mill-fajl tal-Kummissjoni.
21. Id-dejta personali kollha fil-fajls dwar l-antitrust tal-Kummissjoni tista' tintuża biss għall-

iskop li għalih tkun inġabret (l-infurzar tal-Artikoli 101 u/jew 102 tat-TFUE) u se tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament 2018/1725.